**A.L. 64 ta' l-2007**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
## (KAP. 449)

### Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 (Emenda) li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, hawn aktar 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 483 ta' l-2004.

Skop u bidu fis-seħħ.

**2.** Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/34/KE tal-21 ta' Marzu, 2006, u għandhom jidħlu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru, 2006.

Jemenda s-Seba' Skeda tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fis-Seba' Skeda tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat dan li ġej:-

"IS-SEBA' SKEDA

1. Fis-sezzjoni li tikkonċerna Kategorija 1. Vitamini:

a. L-isem tas-sustanza 'AĊIDU FOLIKU' għandu jinbidel bl-isem 'FOLAT'.

b. Għandu jiddaħħal dan li ġej taħt is-sustanza bl-isem 'FOLAT':

| Sustanza | Kondizzjoni ta' l-Użu | |
|---|---|---|
| | Kull FPNU | FSMP |
| '—L-metilfolat tal-kalċju | x' | |

2. Fis-sezzjoni li tikkonċerna Kategorija 2. Minerali, għandu jiddaħħal dan li ġej taħt is-sustanza bl-isem 'MAGNESJU':

| Sustanza | Kondizzjoni ta' l-Użu | |
|---|---|---|
| | Kull FPNU | FSMP |
| '—L-aspartat tal-magnesju | x' | |

3. Fis-sezzjoni li tikkonċerna Kategorija 2. Minerali, għandu jiddaħħal dan li ġej taħt is-sustanza bl-isem 'ĦADID';

| Sustanza | Kondizzjoni ta' l-Użu | |
|---|---|---|
| | Kull FPNU | FSMP |
| '—bisgliċinat tal-ħadid | x' | |